**FIL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 6 ta’ Mejju 2025**

**Rikors guramentat nru:- 132 /2024 AGV fl-ismijiet:-**

**TS u KS**

**VS**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' S T ;**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-

1. **Illi r-rikorrenti d**dahhlu f' relazzjoni extra-kunjugali u minn din r-relazzjoni twieldet tifla bl-isem **ZJT fl-**24.01.2015, fl-**Alfonas Medical Clinic** gewwa **Zuwara Libja** u dan skond ma huwa certifikat mill-istess klinika kopja tal-imsemmija certifikat bl-Gharbi u traduzzjoni ghall-ingliz qed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOK A sa DOK D;

2. **ILLI** kemm il-darba huwa l-missier naturali tal-imsemmi minuri dan ma huwiex rifless fl-inkartament Libjana surriferit u anness Gharbi u lanqas fl-ittra mahruga mill-awtortiajiet centrali Libjan ghal istat Civili iffirmata mid-direttur il-Kurunell Saleh Salem Hammad iddadata 31.07.2021 kopja anness u mmarkat bhala Dok E ;

3. ir-rikorrenti jirrileva li huma konxji li l**-<u>ittra suriferita ma tammontax ghal certifikat ta' twelid validament mahrug minn dak il-pajjiz</u>**

4. Illi sabiex jivvjagat lejn Malta il-konsolat Malti gewwa Tripli fil-libja hargilha dokument tal-vjagg fl-12.02.2023 kopja hawn annessi u mmarkati bhala Dok F U Dok G;

5. **Illi** r-rikorrenti it-tnejn qed jiddikjaraw li ST hu l-missier naturali tal-minuri u li jrid jigi rikonoxxut bhala tali , hekk kif wara kollox jirrizulta minn test ta' DNA kif iccerftikat minn Thomas Loake ta'

Aplha Biolabs fit- 18 ta' Lulju 2022 , kopja ta' liema qed jigi anness bhala Dok H

6. Illi tant iddikjara r-rikorrent ST fl-affidavit tieghu mahrug a favour l-Awtorita tar-Registru Civili Libjana gewwa Tripli Libja 22.09.2021 f' tentattiv li jottjenu certifikat tat-twelid ghal bintu, kopja ta' liema affidavit bl-ingliz u dik tradotta gharbi qed jigi hawn annessi u mnmarkati baha DOK I sa DOK L;

7. Illi ghaldaqstant in linja mal-principju li mater sempre certus est u il-fatt tal-konferma tal-paternita' tal-wild minuri u jistghax ikun hemm dubbju dwar l-awtenticita' tad-dokumentazzjoni relattiva li turi t-twelid lir-rikorrenti qed fittxu dikjarazzjoni u ordni minn din il-Qorti sabiex t-twelid tal-minuri tkun tista tigi registrata Malta;

8. Illi nuqqas ta' registrazzjoni tat-twelid tal-minuri ZJT qed jikkawzaw pregudizzju u dan stante li inter alia ma tistax tibbenefika bebda faciljitajiet mizuri jew xort ohra ta beneficcji tal-istat principalment il-ghaliex qed issir din il-kawza u ghaldaqstant flimkioen u kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat ir-rikorrenti **<u>ipprezentaw talba ghal appuntament ghal smiegh b' urgenza ;</u>**

9. Illi il-genituri tar-rikorrenti ST huma A u G nee M u dawk tar-rikorrenti SK , AS u E nee G ;

10. Illi ghalhekk ir-rikorrrent qed jinterponi din l-azzjoni inter alia taht l-art 244 245 set tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex d-direttur

intimat jipprocedi bir-registrazzjoni tal-wild Z JT wara ordni minn dimna l-Onorrabbli Qorti ai termini tal Art 245 Kap. 16;

GHALDAQSTANT ,prevja kwalisiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna u kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smiegh tal-kawza jghid issa il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara id-dokumenti pprezentati flimkien ma' dan r-rikors bhala validi ghal fini tal-Artikolu 244 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta, u konsegwentament

2. Tordna lid-direttur tar-registru Pubbliku sabiex jirregistra it-twelid ta' minuri Z JT li sehh gewwa Zuwara fil-Libja nhar 24.1.2015 u ulterjorment jindika lir-rikorrenti bhala l-genitur tal-wild minuri billi KS tkun irrregistrat bhala l-Omm u ST bhala l-missier bl-isem tal-familja ikun T.

**Rat ir- Risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

*Jesponi bir-rispett u l-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:*

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi n-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi dak mitlub fl-ewwel talba jaqa' 'l barra mill-parametri tal-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Permezz tal-ewwel talba r-rikorrenti jridu li din l-Onorabbli Qorti tordna rikonoxximent ta' ċertifikat allegatament tat-twelid ta' tifla ġewwa l-Libja u dan ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li hija l-Qorti kompetenti li titratta talba ta' din in-natura;

2. Illi subordinament, stante illi m'hemm ebda Att tat-Twelid reġistrat b'mod validu f' Malta, fir-rigward tal-allegat wild ta' KS ma jista' jsir ebda tibdil fl-Att tat-Twelid ta' din il-minuri (ebda isem ma ġie ndikat fir-rikors promotur) u konsegwentament, anke jekk din l-Onorabbli Qorti hija kompetenti sabiex titratta l-punt dwar l-allegat paternita' tal-istess minuri, għar-raġunijiet imsemmija, f'dan l-istadju l-kawża dwar il-filjazzjoni tal-istess minuri hija waħda **intempestiva**;

3. Illi preliminarjament ukoll, jidher illi din il-kawża titratta wild li għalkemm mhux indikata b'xi isem, jidher li hija minuri u għalhekk għandha tiġi **kjamata fil-kawża** u jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tagħha;

4. Illi fil-mertu, b'referenza għad-dokument maħruġ fil-Libja dwar it-twelid ta' bint KS nhar l- 24 ta' Jannar 2015, tajjeb jingħad tali dokument ma jammontax għal ċertifikat tat-twelid maħruġ minn awtorita' kompetenti

fil-Libja. Tali dokument lanqas jidher li għandu partikolaritajiet essenzjali fosthom isem u kunjom tat-tarbija, kunjom l-omm u l-partikolaritajiet ta' missier il-wild. Di piu' tali dokument ma jistax jiġi reġistrat f'Malta ai termini tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi mid-dokumentazzjoni annessa jidher li sar xi test ġenetiku li jipprova li r-rikorrenti ST huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri, iżda tali riżultati mhumiex maħlufa u għalhekk ma jistgħux jikkostitwixxu prova;

6. Illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet suesposti kif ukoll għal fatt li ebda mill-elementi tal-artikolu 244 ma jidher li ġew sodisfatti. Di fatti ma jidirx li ġiet preżentata xi evidenza li turi li l-minuri hija ċittadina Maltija, d-dokument Libjan mhuwiex wieħed validu maħruġ minn awtorita' kompetenti ta' dak il-pajjiż u *multo magis* ebda dokument ma ġie debitament legalizzat skont il-liġi;

7. Illi rigward it-tieni talba din ukoll għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha stante li talba għar-reġistrazzjoni ta' att validament maħruġ minn awtorita' kompetenti fil-pajjiż tal-oriġini għandha ssir ai termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-Qorti kompetenti;

8. Illi altrimenti, t-tieni talba għandha tiġi miċħuda wkoll stante li kawża ta' paternita' u ergo ordni sabiex issir reġistrazzjoni tal-parentela tal-minuri kif iridu r-rikorrenti tista; ssir biss wara li l-Att tat-Twelid esteru jiġi reġistrat ġewwa Malta;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li ma jirriżulta ebda nuqqas di parti tal-esponent.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din is-sentenza tittratta l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Registru Pubbliku, li permezz taghha qed jeccepixxi l-inkompetenza *ratione materiae* tal-Qorti tal-Familja. Il-Qorti tat żmien konsiderevoli lill-atturi biex jirregolaw ruhhom dwar din l-eccezzjoni, u ghalhekk il-Qorti kellha tiehu deċiżjoni.

L-azzjoni attriċi hija wahda fejn qed jintalab li l-Qorti tal-Familja tiddikjara l-validita' ta' dokument tat-twelid reġistrat ġewwa l-Libja. It-talba qed issir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti tal-Familja hija determinata mir-Regolament 4(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19, fost regolamenti ohra, liema dispożizzjoni tipprovdi illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandha tisma' kawżi li ghandhom x'jaqsmu ma' Titolu I, II u IV tal-Kap 16. It-talba tal-atturi fil-kawza odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 244 tal-istess Kap 16, liema Artikolu jinsab taht it-Titolu VIII, u ghalhekk zgur mhux ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

Ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku ilha presentata mill-10 ta' Lulju, 2024, fejn din l-eccezzjoni preliminari kienet giet sollevata mill-ewwel. Il-

Qorti tat żmien suffiċjenti biex l-atturi jirregolaw ruhhom fuqha, iżda baqa' ma gara xejn. Ghalhekk, il-Qorti ma kellha ebda triq ohra hlief li tikkunsidra tali eċċezzjoni fin-nuqqas ta' adempjenza tal-atturi.

Illi ma tantx hemm x'wiehed jiddibatti f'dan ir-rigward. L-Artikolu invokat mill-atturi ma jaqax taht ebda wiehed mit-Titoli ta' liġi kif ipprovdut fir-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19. Din il-Qorti m'ghandha ebda kompetenza *ratione materiae* biex tisma' din il-kawza, anzi tkun qed tirrazenta n-nullita' ta' dawn il-proceduri jekk tkompli tisma' l-kawza, haġa li zgur tkun ta' detriment ghall-atturi.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur u tibghat l-atti lill-Prim Awla ghat-tkomplija tal-kawza skond il-ligi.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

Tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Tiddikjara l-inkompetenza taghha *ratione materiae.*

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.

Tibghat l-atti lir-Registratur sabiex tkompli tinstema' mill-Prim Awla skond il-ligi.

L-ispejjez ghandhom jiġu sopportati mill-atturi.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**